MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 1801/2000/1

**Taha Kuymizakis bhala mandatarju specjali, f'isem u fl-interess tal-assenti Hamdi Abdul Al-Tulti.**

**-vs-**

**Busietta Gardens Madliena Limited u b'digriet tal-21 ta' Novembru, 2005, l-atti gew trasfuzi f'isem s-socjeta' Madliena Village Limited.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fl-4 ta' Settembru, 2000 li permezz taghha l-attur ipremetta:

Illi b'kuntratt ippubblikat fil-25 ta' April 1994 fl-atti tan-Nutar

Dottor Carmel Gafa' (Dokument A), l-attur nomine xtara u akkwista minghand is-socjeta' konvenuta, l-appartament numru hames mija u tnejn (502) li jinsab f'Villa Baguette, Busietta Gardens, tal-Gbejjel, Madliena, limiti tal-Garghur, liema proprjeta' giet akkwistata taht dawk il-pattijiet u kundizzjonijiet elenkati fl-istess att, fosthom illi l-appartament in vendita' kien soggett ghas-subcens annwu u perpetwu ta' hamsin lira Maltin (Lm50) fis-sena;

Illi permezz ta' sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti fl-14 ta' Lulju 2000 fil-kawza fl-ismijiet "*Busietta Gardens Madliena Limited vs. l-Avukat Dottor Anna Evellina Barbara u Prokuratrici Legali Nicholette Aquilina Kuraturi Deputati ghan-nom u in rappresentanza ta' l-assenti Hamdi Abdul Al-Tulti*" (Citazzjoni Nru. 157/00 RCP), dina l-Onorabbli Qorti, wara li ddikjarat li l-konvenut assenti (attur f'din l-istanza) kien moruz fil-pagament tas-subcens dovut u inadempjenti tal-obbligazzjonijiet kontrattwali, iddikjarat xolta l-koncessjoni sub-enfitewtika tal-appartament numru 502, Villa Baguette, Busietta Gardens, tal-Gbejjel, Madliena, limiti tal-Gharghur, u filwaqt illi ordnat illi l-istess fond jintradd lura lis-socjeta' attrici (konvenuta f'din il-procedura), ikkundannat lill-kuraturi deputati ghall-assenti u lill-istess assenti sabiex fi zmien qasir u perentorju ta' erbghin gurnata mid-data tal-istess sentenza jizgombraw mill-imsemmi fond;

Illi l-attur nomine sar jaf bl-ezistenza ta' dawn il-proceduri u bis-sentenza hawn fuq citata biss b'konsegwenza ta' ittra ufficjali illi ntbaghtet mis-socejta' konvenuta lil Joseph u Mary konjugi Cauchi fil-25 ta' Awissu 2000 (dokument B), fejn l-istess konjugi Cauchi (illi fil-frattemp kienu dahlu jokkupaw dan l-appartament bis-sahha ta' konvenju iffirmat fil-25 ta' Lulju 2000, bejn ir-rikorrent u l-istess konjugi Cauchi in buona fede, f'cirkostanza fejn ma kienux jafu bl-ezistenza tal-proceduri gudizzjarji hawn fuq citati) gew interpellati jivvakaw mill-appartament de quo bis-sahha tas-sentenza hawn fuq indikata;

Illi ghalhekk l-attur nomine sar jaf bl-ezistenza ta' dawn il-proceduri u bis-sentenza tal-14 ta' Lulju 2000, fi zmien wara li kien skada t-terminu legali sabiex jigi intavolat appell mill-istess sentenza illi konsegwentement giet reza res judicata;

Illi l-attur nomine ihoss ruhu aggravat mis-sentenza tal-14 ta' Lulju 2000 moghtija fl-eghluq tal-kawza hawn fuq citata u ghalhekk, kontestwalment ma' din ic-citazzjoni, l-attur nomine ntavola citazzjoni quddiem dina l-istess Onorabbli Qorti fejn qed jitlob illi l-istess kawza hawn fuq citata tigi ritrattata, wara li qabel xejn tigi mhassra s-sentenza tal-14 ta' Lulju 2000, ai termini tal-artikolu 811(a) u (j) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, billi l-istess sentenza ittiehdet bil-qerq tas-socjeta' konvenuta u fuq provi foloz li gew imressqa mill-istess socjeta' konvenuta fil-kors tal-proceduri illi wasslu ghal dik is-sentenza;

Illi kontestwalment ma' dawn iz-zewg atti, l-attur nomine intavola wkoll rikors ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra s-socjeta' konvenuta, sabiex jigu kkawtelati d-drittijiet tal-attur nomine u s-socjeta' konvenuta tigi inibita milli tbiegh, tittrasferixxi jew tiddisponi taht kull titolu kemm oneruz jew gratuwitu, reali jew personali minn, jew b'xi mod iehor tikkawza ossija tippermetti l-iskrizzjoni ta' ipoteka jew privilegg fuq l-appartament hawn fuq deskritt;

Illi jekk is-sentenza tal-14 ta' Lulju 2000 tigi ezegwita minkejja t-talba tal-attur nomine ghar-ritrattazzjoni, l-iskop tar-ritrattazzjoni jigi eluz kompletament, oltre li l-attur nomine sar isofri pregudizzju irrimedjabbli fl-eventwalita' illi s-socjeta' konvenuta tiddisponi minn dan il-fond – liema pregudizzju ikun akbar milli t-twaqqif tal-ezekuzzjoni ta' din is-sentenza tista' tikkaguna lis-socjeta' konvenuta;

Illi, flimkien mat-talba tieghu l-attur nomine qieghed joffri garanzija tajba ghall-ezekuzzjoni tas-sentenza, jekk ma tigix imhassra.

Ghalhekk titlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex;

1. Tordna t-twaqqif tal-ezekuzzjoni tas-sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti fl-14 ta' Lulju 2000 fil-kawza fl-ismijiet "*Busietta Gardens Madliena Limited vs. l-Avukat Dottor Anna Evellina Barbara u Prokuratrici Legali Nicholette Aquilina Kuraturi Deputati ghan-nom u in rappresentanza ta' l-assenti Hamdi Abdul Al-Tulti*" (Citazzjoni Nru. 157/00 RCP), sakemm ikun maghruf l-ezitu tal-proceduri ta' ritrattazzjoni tal-istess kawza, prezenti kontestwalment.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tar-rikors ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni pprezentat kontestwalment kontra s-socjeta' konvenuta illi minn issa tibqa' ngunta ghas-subizzjoni; u b'rizerva ghal kull dritt ta' azzjoni spettanti lill-attur nomine kontra s-socjeta' konvenuta skond il-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta pprezentata fl-20 ta' Novembru, 2000 li permezz taghha eccepiet;

1. Illi preliminarjament Taha Kuymizakis irid jaghti prova li ghandu l-jedd lijirraprezenta lill-assenti Hamdi Abdul Al Tulti f'dawn il-proceduri.

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talba ghas-sospensjoni ta' l-ezekuzzjoni tas-sentenza tal-14 ta' Lulju 2000 fil-kawza fl-ismijiet BUSIETTA GARDENS MADLIENA LIMITED vs DR. ANNA EVELLINA BARBARA ET NOMINE (Citaz. Nru: 157/00RCP), ghandha tigi michuda peress li l-attur nomine naqas milli jaghti l-garanzija kontemplata mill-Artikolu 823 (2) (a) tal-Kap. 12.

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talba ta' l-attur nomine hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li ma

jezistux ir-rekwiziti necessarji sabiex il-Qorti tordnas-sospensjoni ta' l-ezekuzzjoni tas-sentenza. Fil-fatt mill-premessi tac-citazzjoni ntavolata mill-attur nomine jirrizulta li l-uniku pregudizzju li qieghed jilmenta minnu huwa li l-eccipjenti tkun tista' tiddisponi mill-propjeta. Dan ma jistax isehh stante l-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni numru 3252/00 fl-ismijiet Taha Kymizakis nomine vs Busietta Gardens Madliena Limited u li permezz tieghu l-Qorti inibit lill-esponenti "milli tbiegh, tittrasferixxi jew tiddisponi taht kull titolu kemm oneruz jew gratuwitu, reali jew personali minn, jew b'xi mod iehor tikkawza ossija tippermetti l-iskrizzjoni ta' ipoteka jew privilegg fuq, l-appartament numru hames mija u tnejn (502) li jinsab f'Villa Baguette, Busietta Gardens, tal-Gbejjel, Madliena, limiti tal-Gharghur."

Bl-ispejjez kontra l-attur nomine li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' konvenuta mahlufa minn Adrian Busietta, passaport numru 547986 u l-lista tax-xhieda.

Dawn il-proceduri gew presentati kontestwalment mal-kawza fl-istess ismijiet u li ggib in-numru 1800/00 u li giet deciza llum stess.

**Billi f'dik il-kawza t-talba attrici giet respinta, il-Qorti tichad it-talba tal-attur nomine. L-ispejjes jithallsu minnu.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------